**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Dicembru, 2019

Rikors Nru : 291/07 AL

A B
vs

C sive C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Mejju tas-sena 2001 u minn dan iz-zwieg ma' twieldu l-ebda tfal.
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba mohqrija, eccessi, sevizzi u sahansitra vjolenza fizika kontra r-rikorrent;

3. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn Jannar 2007 u r-rikorrent m'ghandux access ghad-dar matrimonjali stante illi l-intimata bidlet is-serratura;
4. Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta' medjazzjoni izda din il-medjazzjoni ma tatx frott;
5. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn din l-Qorti permezz tad-digriet numru 1126/07 sabiex tintavola dawn il-proceduri;

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata peress li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet tal-intimata, kif ser jigi ppruvat waqt it-trazzjoni ta' dina l-kawza;

2.Tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux bil-fors indaqs.

3. Tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet kontemplati u elenkati fl-artikolu 56 tal-Kodici Civili, fejn applikabbli.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta (fol. 14), li permezz taghha eċċepiet:

1. Illi l-htija tat-tkissir taz-zwieg hija unikament imputabbli fil-konfront tar-rikorrenti A B, u ma hijiex imputabbli fil-konfront tal-eccipjenti, ghaldaqstant l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom ikunu sopportati unikament mir-rikorrenti.
2. Illi l-esponenti ilha vittma ta' vjolenza psikologika minhabba l-agir tar-rikorrenti, da parti taghha ghamlet diversi tentattivi sabiex issalva z-

zwieg taghha, biss kien kollu ta' xejn minhabba l-inadempjenza da parti tar-rikorrenti.

3. Illi inoltre, fil-kaz odjern, ma humiex applikabbli s-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-konfront tal-eccipjenti, u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salv eccezzjojnijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semgħet lix-xhieda li tressqu, id-dokumenti li ġew esebiti, rat il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Jiġi nnutat li m'hemm l-ebda kontro-talba da parti tal-intimata. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent talab il-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament imputabbli lill-intimata. Qed jitlob ukoll li tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u li jiġu applikati kontra l-intimata s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.

**Fatti:**

Jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fil-5 ta' Mejju 2001, minn liema żwieġ ma twieldu l-ebda tfal. Jirriżulta wkoll mill-assjem tal-provi, li l-partijiet ilhom separati *de facto* minn Jannar 2007 wara li ż-żwieġ tkisser u l-ħajja konjugali ma baqgħetx aktar possibbli.

**Provi:**

A B xehed permezz ta' affidavit fejn qal li kien iltaqa' mal-intimata fl-1999, u fil-5 ta' Mejju 2001 iżżewġu. Meta żżewġu kienu marru joqgħodu ġo maisonette fuq id-dar ta' ommha, liema maisonette shell kien propjeta' ta' C qabel iż-żwieġ. L-attur ikkontenda li hu għamel lista ta' benefikati f'dan il-fond kif jintwera minn Dok JC1. Spjega li hu kien jaħdem żewġ jobs, u martu kienet taħdem biss xi xhur fil-bidu taż-żwieġ u xahrejn sussegwentement f' ħanut ta' grocer, filwaqt li hu kien itiha l-paga kollha u hi kienet ħsiebha biss biex tagħmel xaghra u difrejha. Żied igħid li martu kienet tagħmillu ħafna xenati, u f'okkażjoni minnhom kienet ħarġet sikkina u wara li kkalmaha kienet infaqgħet tibki. Xehed li martu kienet iġġib il-pilloli għad-depression iżda din kienet xeneġġatura tagħha biex tieħu r-'relief' u biex ma taħdimx, għax minkejja l-boroż ta' pilloli li kienet iġġib b'xejn mill-isptar, kienet tiftaħar li ma kellhiex bżonnhom. F'okkażjoni minnhom qal li kien mar ifittex fil-kexxun fejn kien hemm il-flus u sab elfejn Ewro neqsin minn ammont ta' 'l fuq minn erbat elef, kien cempel lil martu u saqsiha jekk tafx xi ħaġa dwar dan, u wara ħafna tlaqliq qaltlu li ma kinitx messithom. Spjega li wara dakinhar l-affarijiet baqgħu sejrin lura bejniethom, sakemm sab il-bieb imsakkar minn ġewwa għax martu biddlet is-serratura, u hu sab ruħu barra mid-dar. Hu kien baqa' jittama li jerġgħu jirranġaw u kien reġa' ngħaqad magħha meta qaltlu biex jirranġaw, iżda kienet ammettiet hi stess li għamlet dan għax kien keċċiha mid-dar missierha. Xehed li hi baqgħet dejjem tweġġgħu u theddu.

L-attur xehed ulterjorment u qal li l-benefikati li għamel fil-maisonette fejn kien igħix mal-intimata li jidhru f'Dok JC1 kien ħallashom in kontanti. Spjega li l-irċevuti li kellhom huma kollha fid-dar matrimonjali, u baqgħu hemm meta C biddlet is-serratura u hu ma seta' jieħu xejn, lanqas ħwejġu. Xehed wkoll, li biex xtraw il-kċina kienu isselfu l-flus mingħand ommu u ommu baqgħet ma tħallsitx.

In kontro-eżami l-attur xehed li hu kien jaħdem minn kmieni fil-għodu sas-6.30p.m. jew is-7pm ta' fl-għaxija, qal li kienu joqgħodu fil-maisonette f'Ħal Għaxaq, imbagħad għal xi żmien minħabba l-inkwiet ma' ommha kienu qagħdu xi tlett xhur għand ommu. Hu caħad li kien isawwat lil martu. Mistoqsi iżda jekk kienx instab ħati ta' atti ta'

agressjoni fuq martu fil-bini tal-Qorti, meta anke dehru quddiem il-Maġistrat Vella, qal li hi kienet bdiet l-inkwiet il-konvenuta, iżda qal ukoll li jiftakar b'dan l-inċident. Xehed li kienu ilhom seba' snin igħixu separati. Mistoqsi martu kinitx fix-xelter tal-Għabex, ftit wara ż-żwieġ, wiegeb li ma jafx dwar dan. Mistoqsi kemm kien jagħti flus lil martu meta żżewġu, qal li hi kellha l-prokura u setghet tmur tiġbed mill-Bank fejn kienet tidħol il-paga tiegħu ta' LM120 kull ħmistax. Mistoqsi jekk kienx hemm proċeduri oħra ta' separazzjoni miftuħa minn martu preċedentement, wiegeb fl-affermattiv u xehed li sussegwentement kienu reġgħu irranġaw. Qal illi kif irranġaw il-konvenuta waqqgħet il-Mandat ta' sekwestru u rega' beda l-inkwiet bejniethom. Ikkonferma li darba kien bagħat għalih il-Kappillan fil-perjodu li kienu nfirdu iżda ma kinux irranġaw f'dak il-mument. Mistoqsi dwar dokument esebit li juri li l-intimata kienet fix-xelter tal-Għabex għal lejl qal li ma jafx dwar dan. L-attur allega li l-intimata kienet tmur tiltaqa' ma' raġel ieħor u lilu tgħidlu li sejra timxi.

Permezz ta' affidavit ulterjuri, l-attur elenka l-ispejjeż kollha li huwa għamel fil-maisonette fejn kienu igħixu f'Ħal Għaxaq.

Illi D B permezz ta' affidavit xehdet u qalet li saret taf lil C, mart binha meta l-attur laqqagħha magħha, u wara tlett snin għarajjes, kienu żżewġu. Malli żżewġu binha u C kienu marru joqgħodu f'maisonette fuq id-dar ta' ommha. Ikkonfermat li binha għamel ħafna xogħol f'din il-maisonette. Kienet fil-fatt hi li sellfitu l-flus biex binha jagħmel kċina fil-post peress li ma kellhomx kċina. Għalhekk, sellfuhom l-ammont ta' Ewro6,988.12 u kienu ħallsuhom lura l-ammont ta' Ewro232.93 fix-xahar. Fil-fatt, hi esebiet Dok MC1 li juri kemm ħallsu minn dan l-ammont u li juri li għad fadallhom jagħtu l-ammont ta' (Ewro2,056.37). Żiedet tgħid li wara li kienu nfirdu l-partijiet, binha mar għandhom, u hi sabet lil C wara l-bieb tibki għax kien keċċiha missierha u kienu żammewha għandhom għal ftit xhur sakemm il-partijiet isseparaw. Xehdet li kienet tara lil C dejjem tgħajjat ma' binha, fejn f'okkażjoni minnhom saħansitra offrietlu bott tal-ikel tal-klieb fil-preżenza tagħha.

E B missier ir-rikorrent xehed bil-ġurament u kkonferma il-kontenut tal-affidavit ta' martu.

Dr. Joseph Zammit Maempel xehed li kienu kellmuh E u D B snin ilu fejn kienu ttrasferew baqar u kwoti tal-ħalib fuq binhom A, u hu kien ħejja skrittura f'dan is-sens.

Joseph Borg Cardona in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. xehed u esebixxa dok BOV1, BOV2, u BOV3, u dawn it-tlett kontijiet huma magħluqa.

F B xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hi oħt ir-rikorrent u li kienet iltaqgħet ma' C meta ħuha kien għarus u li malli żżewġu, ħuha u C marru joqgħodu f'maisonette li kien jinsab eżatt fuq id-dar ta' omm il-konvenuta. Spjegat li kien ħuha A li lesta dan il-maisonette minn kollox peress li kien "shell". Wara ż-żwieġ, xehdet li bdiet tara lil ħuha inkwetat wara li C kienet tgħamillu x-xenati, tissupervja u titlaq 'il barra, tgħajjat miegħu u titrattah ħazin. Żiedet tgħid li wara li ħuha u C kienu nfirdu għal xi tmien xhur u ħuha mar jgħix għand ommha, C kienet reġghet marret tħabbat il-bieb tal-ġenituri tagħha meta kellha l-problemi ma' missierha u C u ħuha reġghu irranġaw għal ftit taż-żmien. Xehdet li C kienet tgħid li tbati mid-dipressjoni iżda ma kinetx tieħu pilloli.

L-intimata xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li ltaqgħet ma' żewġha f'Diċembru 1998. Spjegat li hi minn flusha kienet bniet l-arja ta' fuq id-dar ta' ommha qabel iż-żwieġ. Spjegat li waqt iż-żwieġ, żewġha kien issuġerixxa li d-dar taqlibha fuq it-tnejn li huma iżda hi ma kinitx għoġbitha din l-idea. Spjegat li l-problemi fiż-żwieġ bdew mill-ewwel peress li kellha titlaq mix-xogħol fejn kienet taħdem għax żewġha beda jqabbadha dipressjoni. Xehdet li żewġha kellu żewġ xogholijiet, bil-baqar, fejn ma kienx jaqla' flus u ma' Gatt Brothers. Spjegat li fil-bidu taż-żwieġ, żewġha ma kienx jagħtiha flus għax kienet taħdem, imbagħad meta qaltlu beda jagħtiha LM20 fil-ġimgħa. Żiedet tgħid li mill-bidu taż-żwieġ, bdew jiġġieldu u li żewġha qabbadha dipressjoni, kien ikollhom hafna battibekki fuq flus għax hu ma kienx irid jagħtiha flus u dan peress li l-fond kien fuq isimha. Xehdet li l-effetti ħżiena taż-żwieġ

tagħha effetwawlha saħħitha, u li t-tabib tagħha anke rreferiha għand psikjatra. Spjegat li hi kienet qisha seftura ta' żewġha peress li kien jaħdem fl-annimali, il-ħwejjeġ tiegħu kienu jintnu u hu ma kienx jinħasel spiss. Żiedet tgħid li l-kamra tal-banju tal-maisonette fejn kienu joqgħodu ħallsuha huma, u hi kienet ħallset għaliha u misserha għamlilhom ix-xoghol, u għall-kċina, kienu sselfu l-flus mingħand omm A. Żiedet tgħid li A kien jitrattaha ħażin u ma jagħtihiex flus u meta marret toqgħod mal-ġenituri tiegħu għal ftit żmien, għax kienu reġghu irranġaw.

In kontro-eżami, il-konvenuta qalet li l-maisonette fejn kienu joqgħodu l-partijiet kien tagħha minn qabel iż-żwieġ. Xehdet li r-rikorrent kien aggressv magħha fejn f'okkażjoni minnhom, taha daqqa ta' ħarta quddiem il-Pulizija u kienet għamlet rapport kontrih. Hi sussegwentement ma ħallitux jidħol aktar id-dar iżda hu kien imur għand ommu. Hi kkonfermat li kienet tbati u għadha tbati b'dipressjoni, u li kien A kien qabbdilha dipressjoni. Mistoqsija għax ma kinitx tieħu l-pilloli qalet li meta kienet teħodhom kienet tqawwiet, kif jirriżulta mill-files tal-psikjatra.

Illi xehed G H, n-neputi ta' C u qal li kien ikun spiss għand iz-zija C, u darba, lejliet meta z-zija kienet ser issiefer u tmur Lourdes, kellhom jiġu l-Pulizija fuq il-post l-attur, beda jiċċelingja lin-nannu għall-ġlied u tah daqqa ta' ħarta fil-preżenza tiegħu. Qal li z-zija tiegħu kienet tgħajjat ukoll biex tiddefendi ruħha.

F H, oħt l-intimata xehdet u qalet li żmien wara li oħtha żżewġet, kienet cemplitilha, ohtha bdiet tibki u qaltilha li kienet qegħda ġo shelter ġewwa Santa Venera u li l-problema kienet li żewġ oħtha ma riedx jagħtiha flus. Qalet li darba marret għand oħtha u wara li semgħet ħafna għajjat, sabet lil oħtha fl-aħħar tat-targa tgħajjat bl-uġigħ, u anke meta oħtha kienet ser issiefer lejn Lourdes, oħtha kienet qaltilha li r-rikorrent għamillha xenata. Qalet li f'okkażjoni minnhom rat lill-Pulizija jagħmlu d-domandi lil A. Kompliet tixhed li meta fl-10 ta' Novembru 2011, oħtha kellha l-Qorti ma' A, A mit-taraġ beda jgħajjat kliem oxxen u li sakemm dawret wiċċha, A beda jsawwat lill-oħtha bil-ponn f'wiċċha, f'rasha u fl-

istonku, u illi missier A ukoll kien ħebb għaliha. Spjegat li meta rat żewġ irġiel iħebbu għal oħtha, hi wkoll rat kif għamlet u gerrxet lil missieru b'daqqa ta' handbag, iżda hi spiccat ukoll sofriet ħmura u tbenġil, fejn imbagħad kemm hi u kemm oħtha marru l-polyclinic, u oħtha kienet spiċċat l-isptar fejn għamlulha testijiet u CT scan.

Illi I J xehed u qal li kien għamel xi xogħol fil-proprjeta tal-intimata, fejn għamel ix-xogħolijiet flimkien ma' missier l-intimata.

Illi Father K L xehed u qal li hu l-kappillan ta' Ħal Għaxaq.  Spjega li kien avviċinah ir-rikorrent li infurmah li xtaq jerga' jirranġa mal-intimata, u sussegwentement il-partijiet kienu rrikkonċiljaw, iżda l-intimata kienet sussegwentement infurmatu li r-rikorrent ried biss jirrikonċilja biex jieħu dak li kien baqa' fi flus u żied li l-intimata kienet talbitu l-flus għax ilmentat li żewġha ma kienx jagħtiha flus.

Illi M N, missier l-intimata, xehed permezz ta' affidavit fejn qal li hu kien ta l-arja tal-fond tiegħu lil bintu l-intimata. Il-fond kien bnieh hu u saqqfu meta bintu kienet għadha xebba u kien għamel ħafna xogħol hu fil-fond ukoll. Spjega li r-rikorrent ma kienx jagħti flus lil bintu biex tħallas id-dawl u lanqas flus għall-ħajja ta' kuljum. Żied igħid li ma rax rispett mingħand ir-rikorrent anzi kien tahom ħafna keded billi kien isabbat, jidgħi u l-pulizija kienu ġejjin u sejrin.

Illi Frank Ivan Caruana, in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, xehed li fil-passat A B kien prodottur tal-ħalib. Sussegwentment, ir-rikorrent kien għamel talba biex il-kwota tiġi trasferita lura minn fuq ismu għal fuq missieru, liema talba ġiet approvata b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, iżda fis-7 ta' Marzu 2006, kienu rċevew mandat mill-Qorti fejn kien hemm mitlub sabiex il-kwota ma ddurx iżda l-Mandat ma kienx ġie aċċettat mill-Qorti.

<u>Rapport tal-Perit Mario Cassar, fl-anness Mandat ta' Inibizzjoni Numru 304/16/1</u>

Illi Il-Perit Mario Cassar, fl-atti tal-imsemmi Mandat kien ġie inkarigat jaċċedi fuq il-fond li kien id-dar matrimonjali tal-kontendenti sabiex jistma l-allegati benefikati li saru mir-rikorrent fil-fond in kwistjoni. Fir-rapport tiegħu l-Perit Cassar ikkonkluda, wara li ħa in konsiderazzjoni r-riċevuti, li x-xogħolijiet li saru qabel iż-żwieġ kienu jammontaw għal Ewro 26,2019.70, u x-xogħolijiet ta' wara ż-żwieġ jammontaw għal Ewro 26.209.70 u Ewro 8,893.15, li b'kollox jammontaw għal Ewro 35,112.90.

Għal domandi in eskussjoni rigward dan ir-rapport, il-Perit Cassar wieġeb li hu fil-valutazzjonijiet tiegħu kkunsidra l-invoices li ra. Qal li qagħad attent kemm jista' jkun peress li kien hemm oġġetti li l-partijiet it-tnejn indikaw li nxtraw minnhom. Qal li hu qagħad fuq il-valur ta' kemm inxtraw l-oġġetti u mhux ta' kemm naqsilhomx il-valur matul iż-żmien, u spjega li fejn ma kienx hemm riċevuti ħareġ valutazzjoni tal-oġġett kif sabu waqt l-aċċess. Fl-aħħarnett, qal li l-ammont totali fir-rapport tiegħu hu bbażat fuq il-kostatazzjonijiet tiegħu, li għamel mill-provi ppreżentati.

Dwar ir-Responsabbilta Għat-Tkissir taż-Żwieġ

Ir-rikorrent qed isostni li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet imputabbli lill-intimata minħabba moħqrija, eċċessi, servizzi u vjolenza fiżika fil-konfront tiegħu. Min-naħa l-oħra l-intimata eċċepiet li hija ilha vittma ta' vjolenza psikoloġika minħabba l-aġir tar-rikorrent. Għalhekk, irid jiġi determinat, wara eżami akkurat tal-provi prodotti, lil min hija imputabbli l-r-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ.

F'dan il-kuntest, issir referenza għall-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili[1] li jistipula:

"**Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment**."

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs Benedict Agius[2] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-

[1] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta.

separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[3], ġie ribadit illi sabiex tiġi promessa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi ghas-servizzi[4] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **servizzi**."

Fis-sentenza diġà iċċitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-**inġurji jew offiżi gravi** gew defintii bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza diġa iċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."

**L-eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu ghall-ħajja tal-parti l-oħra."

Illi jirriżulta mill-provi li l-intimata kienet afflitta minn dipressjoni, tant li kienet iġġib il-pilloli b'xejn mill-isptar u l-intimata qalet fix-xiehda tagħha li ma kintix tieħu il-pilloli għax iħaxxnu. Ir-rikorrent isostni li dawn kienu kollha xeni da parti tal-intimata biex ma taħdimx u tieħu l-benefiċċju

[2] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[3] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[4] Ara s-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Cit. Nru. 1677/1995/RCP).

soċjali. Min-naħa l-oħra, l-intimata tikkontendi li kien l-istess rikorrent li kkaġunalha l-mard mentali. Jiġi osservat, fl-ewwel lok, li ma xehed l-ebda psikologu jew psikjatra dwar il-kundizzjoni tal-intimata. Lanqas ma jirriżulta mill-assjem tal-provi jekk l-intimata kinitx tbagħti minn din il-kundizzjoni sa minn qabel iż-żwieġ. Illi huwa inġust da parti tar-rikorrent li igħid li din il-kundizzjoni li setgħet sofriet minnha l-intimata kienet biss messa in xena u huwa inġust ukoll li l-intimata tgħid li l-kaġun ewlieni għall-kundizzjoni tagħha kien proprju l-aġir ta' zewġha, u għaliex dan ma jirriżultax mill-provi.

Jirriżulta wkoll mill-provi mressqa, li l-kontendenti t-tnejn iwaħħlu u jippantuw sebgħhom lejn xulxin, it-tnejn jakkużaw lil xulxin b'diversi atti deplorabbli. Ir-rikorrent isemmi episodju fejn martu kienet ħarġet sikkina u mbagħad ikkalmat u bdiet tibki iżda ma jelabora xejn aktar fix-xiehda tiegħu dwar vjolenza fil-konfront tiegħu. Madankollu, jirriżulta wkoll mill-provi u mix-xiehda, li l-Pulizija ġew diversi drabi id-dar fejn kienu jirrisjedu l-kontendenti minħabba theddid, minaċċi u għajjat, fejn ir-rikorrent kien anke jistieden lil missier l-intimata għall-ġlied. Iżda jiġi nnutat, li għalkemm imsemmi fix-xiehda li l-intimata kienet tagħmel ir-rapporti lill-Pulizija, dawn ma ġewx esebiti fl-atti. Episodju li jidher ikkonfermat kemm mill-avukat difensur tal-intimata, u kif ukoll mir-rikorrent stess, kien dak ta' meta kellhom il-Qorti, fejn kien hemm aggressjoni da parti tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata, u l-intimata spiccat l-isptar għal testijiet minħabba din l-aggressjoni; il-partijiet kienu anke dehru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar din l-agressjoni li seħħet fil-Bini tal-Qorti.

Għalhekk rigward l-allegazzjoni ta' eċċessi u l-moħqrija allegati mir-rikorrent, il-Qorti rat li dawn ma ġewx sostanzjati mill-provi. Iżda għall-kuntrarju, jirriżulta mill-provi li kien hemm ċertament inċident wieħed ta' aggressjoni mir-rikorrent fil-konfront tal-intimata, dak li seħħ fil-bini tal-Qorti. Illi pero kif ittenni l-ġurisprudenza nostrana, każ wieħed iżolat mhuwiex biżżejjed sabiex jiġi ppruvat il-kawżali tal-moħqrija u tal-eċċessi sal-grad li trid il-liġi. "Il-liġi tikkuntenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'atti iżolati waqt xi tilwima."[5] Illi biex ikun

[5] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, Appell Ċivili – 21 ta' Frar 1969.

hemm moħqrija jeħtieġ ikun hemm mhux att iżolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'ċerta mġieba ħażina li turi li l-konjuġi ma jistgħux ikomplu igħixu flimkien.[6] Dan ġie ritenut ukoll fil-kawża fl-ismijiet D Muscat vs Anthony Muscat.[7]

Effetivament, l-intimat fl-eċċezzjonijiet tagħha ma semmietx vjolenza fiżika iżda vjolenza psikoloġika. Iżda, minn eżami tal-provi, jidher li ż-żewġ partijiet kellhom karattru litiġjuż li rrenda l-ħajja konjugali impossibli, fejn spiss kien ikun hemm argumenti bejn il-partijiet.

L-intimata tilmenta wkoll mix-xeħħa ta' żewġha fis-sens illi hija kienet trid toqgħod titolbu l-flus u hu ma kienx iħallilha flus suffiċjenti. Illi f'diversi sentenza tal-Qrati fosthom Speranza Salerno vs Giuseppe Salerno[8], ġie ritenut "che l'avarizia quando e portata agli eċċessi puo essere cagione di continue edincessanti molestie e servizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale." Fis-sentenza Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello, jingħad li "fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f'dan ir-rigward, b'mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili." Madankollu, fil-każ in eżami, anke jekk mhuwiex ippruvat kemm kien jaghtiha flus ir-rikorrent, ma jidhirx li r-rikorrent kien xħiħ mal-intimata sal-grad rikjest mill-liġi sabiex dan jista' jipprova li l-attur kien ħati ta' eċċessi. Il-Qorti ikkunsidrat, li għalkemm l-intimata ma kinitx taħdem regolarment u għalhekk ma kellhiex paga tagħha, hija kienet xorta tgħix, issajjar l-ikel ta' kuljum u tagħmel xagħarha. Għalhekk il-Qorti ma ssibx lir-rikorrent ħati ta' eċċessi fil-konfront ta' martu f'dan ir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tiddikjara li hemm lok għal pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li ż-żwieġ xorta sfaxxa minħabba d-diverġenzi ta' bejn il-partijiet, u l-partijiet ilhom separati *de*

---

[6] Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna, deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit.Nru. 1715/2001RCP).
[7] Deċiża mill-prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003(PS).
[8] Deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1933, Vol. XXVIII F p.44, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro et noe vs Emmanue Montesin deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Citazzjoni Numru 1311/2000/1 RCP).

*facto* minn Jannar 2007. Dan huwa biżżejjed sabiex jiġi ddikjarat li ż-żwieġ tkisser irremedjabilment skont dak stipulat fl-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, minħabba r-raġunijiet hawn fuq spjegati, l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ qed tiġi attribwita liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili u l-manteniment għall-konvenuta.

Jingħad fl-ewwel lok, li r-rikorrent fit-tielet talba tiegħu, qed jikkwota l-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, minkejja li t-tielet talba tiegħu, mhijiex ibbażata fuq l-artikolu 56 iżda fuq l-artikoli 48 et sequens. Fil-fatt, l-intimata, fit-tielet eċċezzjoni tagħha, bħala risposta għat-tielet talba tar-rikorrent tiċċita b'mod korrett, l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili irid ta' bilfors jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[9];
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

Illi kif diġà stabbilit, iż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba d-diverġenzi taż-żewġ kontendenti, li għamluha impossibbli biex ikomplu

[9] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

jgħixu l-ħajja konjugali tagħhom flimkien.  Konsegwentement, irriżulta li l-partijiet ma setgħux ikampaw aktar flimkien. Fid-dawl ta' dan, is-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati fil-konfront taż-żewġ partijiet.

Iżda fil-każ in eżami, ladarba ma saret l-ebda kontro-talba mill-intimata f'dan ir-rigward,  din il-Qorti tista' biss tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u in segwitu qegħda tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-intimata.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika  fil-konfront tal-intimata l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li l-intimata  iddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi  manteniment mingħand ir-rikorrent  u wkoll li hija tilfet  kull dritt ta' suċċessjoni li  kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tar-rikorrent.

<u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.</u>

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti sentenza, Il-Qorti qegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

Illi ma ġiex ippruvat fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti.

<u>Flus:</u>

Ir-rikorrent jallega li martu kienet haditlu l-ammont ta' 'il fuq minn elfejn Ewro minn flus li huwa kien qed iżomm fil-kexxun fid-dar matrimonjali. Dan ma jirriżulta bl-ebda mod mill-provi. Għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent mhijiex sodisfaċentement ippruvata għas-sodisfazzjon tal-Qorti. Għalhekk, l-ebda parti m'ghandha tirrifondi xejn fir-rigward ta' din l-allegazzjoni.

<u>Depożiti bankarji:</u>

Mill-atti jirriżulta li r-rappreżentanti tal-Banek ma sabux depożiti bankarji f'isem il-partijiet. Joseph Borg Cardona ippreżenta dokumenti ta' tlett

kontijiet f'isem l-intimata li kollha ingħalqu, kwindi ma jirriżultax li hemm kontijiet bankarji li għandhom jiġu diviżi. Fil-karenza ta' prova dwar kontijiet bankarji konġunti jew f'isem il-partijiet, il-Qorti tiddikjara li kull parti għandha żżomm il-flus li għandha fil-pussess tagħha.

Vetturi

Illi lanqas ma nġiebet prova dwar vetturi tal-partijiet. Għalhekk, jekk hemm vetturi, kulħadd għandu jżomm il-vettura reġistrata f'ismu.

Illi Il-kontestazzjoni prinċipali eżistenti bejn il-partijiet tirrigwarda l-ispejjeż li saru fid-dar matrimonjali, li ser tiġi trattata hawn taħt.

Dwar id-Dar Matrimonjali

Illi fil-każ in kwistjoni, huwa evidenti mill-provi li l-maisonette, il-fond 23, Mon Amour, Triq Dun Gużepp Demicoli, Ħal Għaxaq, li kienet qed isservi bħala d-dar matrimonjali tal-kontendenti, hija proprjeta parafernali tal-intimata. Dan il-fatt mhuwiex kontraddett mir-rikorrent.

Iżda r-rikorrent qed issostni li huwa għamel diversi benefikati fil-fond in kwistjoni, u fil-fatt esebixxa lista sħiħa mmarkata bħala Dok JC1 fejn elenka x-xogħolijiet kollha li huwa wettaq a spejjeż tiegħu. Madankollu, huwa ma ppruvax li għamel dawn l-ispejjeż la b'riċevuti u lanqas b' korroborazzjoni ta' xhieda. Jiġi osservat li fil-mori ta' dan il-kawża, il-partijiet esebew nota konġuntiva (fol 344) fejn ir-rikorrent qabel li m'għandux oġġezzjoni li dan il-fond ma jibqax jissejjaħ bħala d-dar matrimonjali. Minkejja dan, l-intimata tiddikjara li f'kaz li l-imsemmi fond jinbiegħ lil terzi, hija tassigura li mir-rikavat tal-bejgħ tiddepożita l-ammont ta' Ewro 44,000 f'kont bankarju f'isimha, sabiex b'hekk id-drittijiet tar-rikorrent għax-xogħolijiet ta' benefikati mwettqa f'dan il-fond jiġu salvagwardjati.

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tiddikjara li l-fond 23, Mon Amour, Triq Dun Giużepp Demicoli, Ħal Għaxaq m'għandux jitqies aktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba billi tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, iżda t-tort huwa imputabbli b'mod ugwali bejn il-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti bil-mod hawn fuq indikat.

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż jitħallsu bejn il-partijiet b'mod ugwali.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur